Minuti tal-44 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 7 ta' Novembru, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.40pm.

| Prezenti: | Membri: |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv — Joanne Apap Attard

**Assenti:**

Kunsillier — Lisa Marie Brooke

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-43 laqgha.

1.1 Emanuel Muscat irrefera ghal paragrafu 3.2 u talab illi 'kien misruq' tinbidel ghal 'naqas' u 'minn San Dimitri' tinbidel ghal 'minn Sqaq ta' Cini'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dan it-tibdil.

1.2 Emanuel Muscat irrefera ghal paragrafu 3.3 u talab kjarifika tieghu. Gie spjegat illi l-Kunsill ser jaghmel trinka minn Triq Virtu' lejn Triq Dun Alwig Mizzi u jitpoggew go fiha pipijiet tal-pied biex jghaddu l-linji minnhom u jitilghu bejn l-ewwel u t-tieni post fi Triq Dun Alwig Mizzi.

1.3 Il-Minuti tal-43 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

## 2. Offerti Eco-Cab u Eco-Truck.

2.1 Infethu l-offerti li ghalqu fil-25 ta' Ottubru, 2012 u saret l-iskeda ta' offerti mitfugha. Giet sottomessa offerta wahda minghand Michael Debono Ltd. ghal Eco Truck biss. Il-prezz totali huwa ta' €28,291.20 meta l-budget ghaz-zewg vetturi kien ta' €30,220. Il-Kunsill qabel li l-offerta ghandha tigi mghoddija lil Galea Curmi ghall-evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li jekk l-offerta tkun konformi, ghandha ssir talba lill-awtorita' ta' gestjoni tal-fondi f'dan il-kaz l-Eko-Ghawdex biex tinxtara vettura wahda biss.

2.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta ghall-konsulenza fl-inginerija biex tkun tista' tintuza ad hoc skond il-bzonnijiet li jista' jkollu il-Kunsill minn zmien ghal zmien.

**3.0 Offerti Gbir ta' Skart Domestiku.**

**3.1** Gie spjegat illi infethu l-offerti sottomessi dakinhar tal-eghluq fil-prezenza ta' rappreżentanti mit-tlett Kunsilli Lokali (Gharb, San Lawrenz u Ghasri) kif ukoll rappreżentanti ta' KIP u Anthony Mercieca. Gie spjegat li kienu sottomessi tlett offerti: KIP Ghawdex Ltd, Anthony Mercieca u Nicholas Zammit. Gie spjegat illi fid-dokument tal-offerta kull lokalita' tat il-budget taghha separatament fejn il-budget tal-lokalita' ta' l-Gharb kien l-irhas wiehed. Fil-prezzijiet sottomessi mill-kuntratturi il-prezz tal-Gharb ukoll kien l-irhas mit-tlett lokalitajiet. Gie spjegat illi fis-sessjoni tal-ftuh gie innutat illi t-tender ta' Nicholas Zammit ma kellhiex bid bond u skond id-dokument tal-offerta din tkun awtomatikmaent skwalifikata. Gie spjegat ukoll illi fl-istess sessjoni rappreżentant tal-KIP qal illi l-offerta ta' Anthony Mercieca ma fihiex referenza tal-bank u r-rimarka tieghu giet innutata fl-iskeda tal-offerti mitfugha. Gie spjegat illi fl-offerta ta' Mercieca kien hemm dokument mill-bank izda ma kienx iffirmat. Gie spjegat ukoll illi f'laqgha introduttorja li saret bejn is-Sindki u Segretarji Ezekuttivi tat-tlett Kunsilli kien hemm qbil illi l-offerti jigu evalwati billi jinhatar bord ta' evalwazzjoni fejn kienu suggeriti Paul Zahra, Dr Jean Paul Grech u Reno Grech bhala evalwaturi. Gie spjegat illi z-zewg Kunsilli l-ohra qed jitolbu li jigi negozjat il-prezz mal-kuntrattur li jikkwalifika peress li qed jaraw li l-prezz taghhom huwa oghli meta kkumparat ma dak ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li l-offerti ghandhom jigu evalwati u ghal dan il-ghan ghandu jinhatar bord ta' evalwazzjoni kif propost. Minflok Dr Jean Paul Grech ghandu jigi suggerit Dr Joshua Grech. Il-Kunsill qabel ukoll illi ma jsibx oggezzjoni li jigu negozjati l-prezzijiet mal-kuntrattur li jikkwalifika wara li ssir l-evalwazzjoni sakemm il-budget allokat ghal lokalita' ta' l-Gharb skond it-tender ma jinqabizx. Il-Kunsill qabel ukoll illi peress li l-prezzijiet ghal-lokalita' huma vantaggjuzi ghandu jipprova jasal fi ftehim mal-kuntrattur li jikkwalifika anke jekk il-Kunsilli l-ohra ma jaslux.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-servizz tal-knis fil-lokalita' fejn il-Kunsill jixtieq li s-servizz ikun bil-karretta u mhux bit-trakk. Gie spjegat illi bhalma kien deciz fil-laqgha precedenti is-servizz gie aggustat skond il-budget ghall-2012 u ghalhekk fil-prezent qed isir darba fil-gimgha. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.0 Attivitajiet tal-Milied 2012.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tizjin tal-Pjazza fl-okkazjoni tal-Milied. Dwar sigra tal-Milied il-Kunsill qabel illi din ghandha tehel kemm

jista' jkun qrib is-sundial biex ma tkunx imfixkla il-moghdija tat-traffiku. Gie deciz li ghandha tintalab kwotazzjoni lil xi suppliers li joffru armar ta' tizjin tal-Milied ghall-installazzjoni tad-dekorazzjonijiet tal-Kunsill, provvista u installazzjoni ta' sigra tal-Milied u xi tizjin iehor li jistghu joffru ghall-area tal-Pjazza, Triq il-Knisja u l-Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel illi l-budget allokat ghandu jkun ta' mhux aktar minn €1000.00.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar attivita' kulturali ghat-tfal ghal zmien il-Milied u kien hemm qbil illi ssir harga f'Ghawdex permezz ta' coach filghaxija biex izuru presepji u jaraw tizjin f'lokalitajiet ohra.

4.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinzamm kuncert/xow tal-Milied bis-sehem tal-kast ta' Dejavu'. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinzamm gewwa s-sala tac-Centru Parrokkjali fit-22 ta' Dicembru, 2012. Il-kuncert jiswa' €200. Il-Kunsill qabel li jekk jista' jkun ghandhom jinstabu sponsors ghal dan il-kuncert.

4.4 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-attivita' socjali ghall-membri tal-Kunsill. Data tentattiva il-21 ta' Dicembru jew 5 ta' Jannar.

4.5 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir harga socjali ghall-anzjani.

4.6 Emanuel Muscat issuggerixxa illi ssir harga kulturali ghaz-zaghzagh ghal park tal-annimali u tjur f'Burmarrad u wara ikla gewwa restaurant ciniz. Is-Sindku talab lil Muscat jiccekkja dwar prezz ghall grupp ghal dan il-park u jinforma lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**5. Aggornament dwar xogholjiet u progetti.**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-progett M323 – Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project.

5.2 Dwar il-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-permess tal-MEPA biex isir il-pavimentar taz-zuntier gie approvat. Raymond Cassar issuggerixxa illi l-franka ma tkunx safja, tkun tal-qiegh biex ma tihdarx u ma tkunx tizloq. Dan is-suggeriment ser jigi mghoddi lill-konsultent tekniku inkarigat mill-progett ghall-kunsiderazzjoni tieghu.

5.3 Gie spjegat illi hemm *issue* fir-rigward tal-mod kif ser jigi kummissjonat dan ix-xoghol ta' pavimentar peress li kien hemm bdil fil-materjal li ser jintuza minn porfido ghal franka u l-franka ma kinitx koperta bil-kuntratt originali. Dan japplika kemm fil-kaz ta' San Dimitri kif ukoll Taz-Zejt. Gie spjegat illi din l-issue giet diskussa mal-Paying Agency u li hemm zewg ghazliet. L-ewwel preferenza jekk il-kuntratt iffirmat mal-kuntrattur jippermetti tinhareg kwotazzjoni gdida ghax-xoghol ta' pavimentar – xoghol ghalih u materjal ghalih.

It-tieni preferenza jekk il-kuntratt ma jippermettix irid tinfetah diskussjoni mal-kuntrattur dwar il-prezz ghat-tpoggija tal-franka. Is-Sindku spjega illi fiz-zewg kazi il-Kunsill irid imur lura ghand il-Paying Agency u jitlob l-approvazzjoni taghhom.

5.4 Gie spjegat illi l-franka li ser tintuza hija ta' qies 45 x 45cms.

5.5 Gie spjegat illi kien hemm ilment min naha tal-Ufficjal tal-Mepa dwar il-gebel li ntuza fuq il-hitan tas-sejjieh.

5.6 Dwar il-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-Perit ghamel spezzjoni wara l-incident tal-kamra tan-nar ta' 04/11/12 u ma sabx li kien hemm xi hsarat sinifikanti.

5.7 Dwar il-kuntratt tal-bini tal-hitan tas-sejjieh gie spjegat illi x-xogholijiet fl-inhawi ta' Triq San Dimitri mexjin. Gie spjegat illi xhin jitlestew Triq San Dimitri tkun tista' tinghata t-tarmak bhala parti mill-kuntratt tal-PPP.

5.8 Emanuel Muscat staqsa jekk wara li jsir it-tarmak hux ser isiru sleeping policemen fi Triq Birbuba. Is-Sindku spjega illi issa qed joqrob iz-zmien li jigi mfassal il-budget ghas-sena l-gdida u li dan ghandu jigi diskuss meta jkun qed jitfassal il-budget. Is-Sindku spjega wkoll illi l-Kunsill jinhtieg li johrog offerta ghal tabelli tat-toroq u li dawn jistghu ikunu inkluzi fl-istess offerta.

5.9 Emanuel Muscat staqsa wkoll dwar il-proposta ta' *traffic management* jew ahjar skema ta' parkegg fil-parti ta' gewwa ta' Triq Birbuba. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil Transport Malta b'din il-proposta u jiehu il-parir taghhom fir-rigward.

5.10 Is-Sindku spjega lill-Kunsill illi gie infurmat minn Transport Malta li ser isir parking tad-disabled li jista' jintuza minn kulhadd fi Triq Birbuba.

5.11 Dwar l-andament tal-kuntratt tar-restawr tal-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi x-xoghol fuq il-bini tal-hitan tas-sejjieh beda. Dwar it-tnehhija tal-linji mill-ajru, gie spjegat illi saret it-trinka minn Austin Azzopardi, tpoggew il-pipijiet mill-haddiema tal-Kunsill kif ukoll taw il-konkos fuq it-trinka. Gie spjegat illi l-kappella gie restawrata min naha ta' gewwa. Is-Sindku elenka wkoll xogholijiet li fadal isiru. Is-Sindku spjega li nqalghet xatba mill-kappella u l-Arcipriet qed jissuggerixxi illi tehel hi fil-faccata peress li mhux ser terga' tintuza fil-post originali taghha. Raymond Cassar qal illi hemm pot ornamentali tal-fjuri imqaccat. Il-konsulent tekniku ser jigi notifikat dwar dan.

5.12 Gie spjegat illi l-Arcipriet talab li tkun restawrata il-Madonna li hemm fuq l-oqbra l-godda. Il-Kunsill qabel li wiehed ghandu jara

x'jinvolvi u ssir kemm il darba jkun hemm fondi disponibbli dan ir-restawr isir. Gie msemmi l-fatt illi din il-Madonna ghandha storja marbuta mal-gwerra u l-Kunsill gie infurmat illi l-Perit inkarigat kien qed jahseb li jsir xi perspex fuq xi toqob tal-bullets ta' zmien il-gwerra li hemm fil-hajt tal-kappella.

5.13 Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu rapurtati xi bozoz mahruqa fi Triq San Pietru hdejn il-bus shelter, fi Triq Trux in-naha ta' isfel, fil-Pjazza floodlight u fanal in-naha tax-xellug kif thares lejn il-Knisja.

5.14 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-restawr tal-arkata fi Triq Sdieri. Gie spjegat illi x-xogholijiet fuq il-hitan tas-sejjieh mexjin u li gew stallati il-fittings tad-dawl. Gie spjegat illi saret talba lill Enemalta biex il-wattage tal-lampi li tnehhew minn Triq Sdieri peress li ser issir xi kostruzzjoni privata jintuzaw ghal dawn id-dwal li gew stallati fl-arkata. Gie spjegat illi minn fuq dan il-kuntratt mhux ser ikun hemm tfaddil, ser ikun ikkunsmat l-ammont kollu.

5.15 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-lampi li gew rappurtati fi Triq ta' Pinu, fejn gie spjegat illi l-Kunsill kien mitlub jindika liema huma dawn il-lampi mahruqa.

5.16 Dwar it-tfaddil li qed jigi stmat li ser ikun hemm mill-kuntratt tar-restawr tal-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi saret diskussjoni mal-*Paying Agency* fejn dawn il-fondi jistghu jintuzaw ghar-restawr tal-Knisja Parrokkjali u mhux ghal Pjazza Gerano. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ppublikata l-offerta tar-restawr tal-Knisja u tinghata zmien hmistax mid-data tal-publikazzjoni.

5.17 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andmanet tal-progett M313 – leisure/adventure park fi Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat illi l-permess tal-MEPA gie approvat. Gie spjegat illi l-haddiema assenjati mal-Kunsill gew inkarigati idawwru l-arja tal-progett bit-tape fejn gie indikat li dan huwa sit ta' progett. Gie spjegat ukoll illi persuna li kienet tahdem l-art giet notifikata mis-Sindku illi huma imminenti li jibda l-izvilupp fuq is-sit. Gie spjegat illi l-offerta tal-kostruzzjoni u tlestija kif ukoll tal-immanigjar tal-progett gew publikati u jaghlqu fit-23 ta' Novembru. Inghatat ukoll skeda tal-offerti l-ohra li ser jaghlqu fid-19 u fit-23 ta' Novembru.

5.18 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali fejn gie spjegat illi l-WSC ghandhom jibdew ix-xoghol ta' pavimentar fejn bhala materjal ser jintuza il-*paving blocks* tal-bankini. Gie spjegat illi l-WSC huma responsabbli mix-xogholijiet u l-Kunsill ser ikun qed jinsisti fuq il-kwalita'. Il-Kunsill iddiskuta dwar it-toqob ghag-giggifogu fejn kien deciz li dawn ser isiru wara li jsir il-pavimentar permezz ta' *cutter*.

5.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sundial fi Pjazza Zjara tal-Madonna fejn gie deciz li ghandhom jigu kkuntattjati l-MTA dwar tappijiet tac-ceramika li jintuzaw mill-istess entita' ghar-ristoranti peress li dawn jistghu ikunu adattati biex jiehdu post il-flaps ezistenti li hemm madwar is-sundial.

5.20 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta sottomessa ghall-pavimentar ta' Pjazza Gerano. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi mghoddija lill-Perit tal-Kunsill biex jaghti l-parir tekniku tieghu dwarha.

5.21 Gie spjegat illi l-Kunsill ghandu zewg haddiema tal-IPSL li gew assenjati biex jaghmlu xoghol ta' *finishing* fil-berga. Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xoghol tal-moghdija tad-dawl fil-berga fejn giet trattata kwotazzjoni ghax-xoghol biss minghand Jesmar Refalo li tammonta ghal €550. Il-materjal irid jinxtara mill-Kunsill. Wara li l-Kunsill kiseb informazzjoni dwar prezzijiet tas-suq ghal xoghol tad-dawl bil-*point* il-Kunsill ra li din il-kwotazzjoni hija gustifikata. Il-Kunsill qabel li jinkisbu kwotazzjonijiet ghal materjal mehtieg u s-suggett jerga jigi diskuss ukoll fl-ambitu tal-budget disponibbli.

5.22 Il-Kunsill qabel li l-offerta ghall-provvista ta' hardware ghandha tigi ppublikata peress li l-kuntratt ezistenti wasal biex jiskadi.

5.23 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerti tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubblici ta' Pinu u Trux li bhalissa jinsabu fis-suq. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi l-offerta ta' Pinu ser tkun sospiza ghal dak il-perjodu sakemm isir il-progett mill-Ministeru ghal Ghawdex u l-Knisja ta' Pinu fejn il-latrini ser ikunu relokati u mibnija f'post gdid ghas-spejjez tal-entitajiet qabel imsemmija. Dwar il-latrina ta' Triq Trux il-Kunsill qabel illi f'okkazjonijiet specjali u festi fil-lokalita' l-ispezzjonijiet fil-latrina ghandhom isiru kull siegha. Giet trattata korrispondenza mid-Direttur Turizmu Ministeru ghal Ghawdex dwar ilmenti li qed ikun hemm fir-rigward tal-latrina pubblika ta' Pinu.

**6.0 Skeda ta' pagamenti.**

6.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta'pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta l-kont tal-*finishing, drainage and sanitary ware, joinery and apertures* u *extras* tac-centru civiku kif ippreparat mill-Perit tal-Kunsill li jammonta ghal €41381.20. Il-Kunsill qabel li dan li kont jithallas pero qabel il-Perit ghandu jintalab jaghmel spezzjoni u jitrangaw xi affarijiet mhux sodisfacenti qabel isir il-hlas.

**7. Korrispondenza u materji ohra.**

7.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ppublikata sejha ghall-offerti ghal proposti ta' mizuri ambjentali ta' energija alternattiva li jistghu jigu mplimentati gewwa l-lokalita'.

7.2 Is-Sindku spjega illi irrizulta li kien hemm problema ta' drenagg fir-residenza 'Mariam' Triq il-Knisja. Il-problema kienet rapurata madwar 4 xhur ilu mir-residenti kkoncernati lill-WSC. Gie spjegat illi l-WSC gew imwaqqfa milli jqattghu il-wicc tat-triq li ghadu kemm inghata t-tarmak u li l-hsara issewwiet permezz ta' makkinarju minn fuq minghajr ma kien mehtieg li jsir tqattigh.

7.3 Raymond Cassar qal illi Triq il-Knisja qed titmewweg. Ser tingibed l-attenzjoni tal-Perit inkarigat dwar dan.

7.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar pittura mal-hitan – *grafitti* – li giet innutata fl-Gharb kif ukoll f'postijiet ohra gewwa Ghawdex. Gie spjegat illi haddiema assenjati mal-Kunsill gew inkarigata jizbhu l-pittura li saret ma hajt fi Triq Trux. Il-Kunsill qabel li wiehed ghandu jara x'inhuma r-regolamenti dwar il-*grafitti* sabiex jinhareg avviz lir-residenti.

7.5 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

7.6 Minghand il-Malta Football Association fir-rigward ta' ktieb mis-Sur Victor Ellul.

7.7 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Memo 40/2012 – Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-Responsabilita' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li japplika ghal ghotja massima ta' €500. Peress li l-iskema tipprovdi li l-Kunsill ikun irid johrog ammont ekwivalenti ghas-somma li jinghata din is-somma ghandha tkun riveduta skond il-htiega meta jitfassal il-budget 2013.
Ftehim Kollettiv Gdid ghas-Servizz Pubbliku.
Libraries Day – l-Erbgha 5 ta' Dicembru, 2012. Il-Kunsill qabel li tigi organizzata 'open day' u sessjonijiet ta' *story telling* ghall-istudenti tal-Primarja.

7.8 Mid-Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja u Sahha tal-Pjanti fir-rigward ta' kontroll tal-Bumunqar l-Ahmar – Dokumenti mizmuma ghall-Bexx tas-Sigar tal-Palm.

7.9 Minghand il-Malta Film Commission fir-rigward ta' Seminar dwar l-izvilupp tal-Industrija tal-films fil-lokalitajiet.

7.10 Mill-MEPA:-
PA857/11 – To restore Basilica – Full Development Permission.
PA1880/12 – Kappella San Dimitri – To amend permission PA2401/09 by repaving church parvis – Notification on Development Permit Application Report and Board Date.
PA5609/07 – Site at Triq Tumas Cassar – To develop site as a two level adventure and recreation area – Notification on development Permit Application Report and Board Date.
PA5609/07 – Site at Triq Tumas Cassar – To develop site as a two level adventure and recreation area – Request for undertaking.
PA1880/12 – Kappella San Dimitri – To amend Permission PA2401/09 by repaving church parvis – Request for undertaking.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA2575/12.

7.11 Minghand Cartridge World Gozo fir-rigward ta' servizzi u prodotti li qed jigu offruti.

7.12 Invit minghand l-Mnarja Philharmonic Society ghall-kuncert annwali – Big Band Adventures.

7.13 Invit minghand il-Kunsill Lokali tan-Nadur fir-rigward ta' kuncert ta' muzika Barokka u Klassika.

7.14 Minghand Oliver Smart Signs bi kwotazzjoni ghal desk backs u tabelli tal-bozoz.

7.15 Minghand Rev. Joseph Zammit fir-rigward ta' talba ghal No objection sabiex issir carcade mis-Santwarju ta' Pinu lejn il-Qala. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni sakemm jingabu l-permessi kollha mehtiega.

7.16 Minghand il-Green MT fir-rigward ta' Proposta ta' gbir ta' skart ghar-reciklagg ghall-2013 u 2014. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi mgedded il-ftehim mal-Green MT ghall-perjodu 2013/2014. Permezz ta' dan il-ftehim ser ikun possibli illi jkun hemm zewg kollezzjonijiet wahda ghall-iskart imhallat u l-ohra ghall-iskart separat fil-granet tat-Tnejn, l-Erbgha, il-Gimgha u s-Sibt (kif ukoll il-Hamis fis-Sajf). Il-Kunsill qabel li meta tkun ser tigi ntrodotta din l-iskema il-gurnata tat-Tlieta ghandha ssir gurnata ghall-gbir tal-hgieg.

7.17 Il-Kunsill gie nfurmat illi Green MT ser ikunu qed iniedu kompetizzjoni ghar-residenti fejn min jinstab juza l-borza l-griza ghar-riciklagg fuq spezzjoni sorpriza min nies tal-Green MT jirbah voucher.

7.18 Minghand il-Care Malta fir-rigward Nazzareno Vassallo Award.

**Pagna 8 Minuti tal-44 laqgha**

7.19 Il-Kunsill iddiskuta VL mhux utilizzat minhabba ezigenzi ta' xoghol mill-impjegati tal-Kunsill: Segretarju Ezekuttiv, skrivana u librara matul is-sena 2012. Is-Sindku iddikjara li ghandu nteress familjari u rtira mil-laqgha. Il-Kunsill qabel illi l-VL mhux utilizzat matul 2012 ghandu jkun trasferit ghas-sena 2013.

Il-laqgha spiccat hin 7.40pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv